MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2005

Numru 1108/2004

Il-Pulizija
(Sp Josric Mifsud)
vs
Vincent Azzopardi, iben Alfred,
imwieled Valletta fit-8 ta'
ottubru, 1962

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fil-21 ta' diċembru, 2004 ġewwa l-bini tal-Baviera, Lands Department, Triq San Sebastian, Valletta bi vjolenza u theddid ġiegħel lil Antonio Deguara u Emanuel Martin, bħala uffiċjali pubbliċi li jagħmlu jew li ma jagħmlux xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tagħhom jew li

jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz;
2. talli fl-istess post, data u ħin bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta’ Antonio Deguara u Emanuel martin weġġagħhom bi kliem, b’ġesti jew b’xi mod ieħor.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-5 ta’ jannar, 2005 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ jannar, 2005 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li Antonio Deguara u Emanuel martin ħafru lill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ jannar, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjujba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli
91 u 252(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-maħfra tal-parte ċivile u l-ammissjoni ta’
l-imputat fl-ewwel udjenza ta’ din il-kawża. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------